

Brussell, 24 ta' Settembru 2025
(OR. en)

13199/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0295 (NLE)

ENV 885
WTO 81

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 533 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-20 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CoP20 tas-CITES) (Samarkand, l-Uzbekistan, l-24 ta' Novembru – il-5 ta' Diċembru 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 533 final.

Mehmuż: COM(2025) 533 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.9.2025
COM(2025) 533 final

2025/0295 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-20 laqgħa
tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-
Ispeċijiet
ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CoP20 tas-CITES)
(Samarkand, l-Użbekistan, l-24 ta' Novembru – il-5 ta' Diċembru 2025)**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-20 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CoP20 tas-CITES) relatata mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjonijiet li fost oħrajn, jemendaw l-Appendiċi tal-Konvenzjoni.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu

Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu ("il-Konvenzjoni" jew "CITES") għandha l-għan li tipproteġi l-annimali u l-pjanti selvaġġi minn sfruttament żejjed permezz tal-kummerċ internazzjonali. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1975.

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri kollha tagħha huma Partijiet għall-Konvenzjoni¹.

2.2. Il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni

Il-Konferenza tal-Partijiet (CoP, Conference of the Parties) hija l-korp governattiv tal-Konvenzjoni, stabbilit skont l-Artikolu XI. Il-CoP tiltaqa' kull sentejn jew tlieta biex tagħmel rieżami tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni. B'mod partikolari, tqis u tadotta proposti biex jiġu emendati l-listi tal-ispeċijiet fl-Appendiċi I u II tal-Konvenzjoni. Il-CoP tqis ukoll id-dokumenti u r-rapporti mill-Partijiet, mill-kumitati permanenti, mis-Segretarjat u mill-gruppi ta' ħidma, u tirrakkomanda miżuri biex il-Konvenzjoni tiġi implimentata b'mod aktar effettiv.

Kemm jista' jkun, il-CoP tiddeċiedi b'konsensus dwar il-proposti biex jiġu emendati l-Appendiċi I u II. Meta ma tilħaqx konsensus, id-deċiżjonijiet jitressqu għal vot u jistgħu jiġu adottati b'maġġoranza ta' żewġ terzi tar-rappreżentanti preżenti u li jivvutaw skont l-Artikolu XV(1)(b) tal-Konvenzjoni. Kull Parti għandha vot wieħed, ħlief l-organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika, li skont l-Artikolu XXI(5) għandhom id-"dritt li jivvutaw b'numru ta' voti ugwali għan-numru tal-Istati Membri tagħhom li huma Partijiet għall-Konvenzjoni" fl-oqsma tal-kompetenza tagħhom. Dwar id-deċiżjonijiet biex jiġu emendati l-Appendiċi, id-drittijiet tal-vot huma eżerċitati mill-Unjoni, minħabba li l-Appendiċi tas-CITES huma trasposti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni⁽²⁾.

2.3. L-att previst tal-Konferenza tal-Partijiet

Fl-20 laqgħa tagħha mill-24 ta' Novembru sal-5 ta' Diċembru 2025, il-CoP trid tiddeċiedi dwar 51 proposta biex jiġu emendati l-Appendiċi tas-CITES ("il-proposti għall-elencar"). L-iskop li jiġu inklużi speċijiet jew gruppi ta' speċijiet fl-Appendiċi huwa li jkun hemm projbizzjoni ġenerali (Appendiċi I) jew monitoraġġ u regolamentazzjoni (Appendiċi II) tan-negożjar kummerċjali f'dawk l-ispeċijiet.

(1) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/451 tas-6 ta' Marzu 2015 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES), ĠU L 75, 19.3.2015, p. 1.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom, ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1, u l-atti ta' implimentazzjoni rilevanti.

Bħala partijiet integrali għall-Konvenzjoni, l-Appendiċi huma legalment vinkolanti. Skont l-Artikolu XV(1)(c), l-emendi adottati mill-CoP isiru applikabbli fi żmien 90 jum wara li jintemm il-CoP.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIJIED F'ISEM L-UNJONI

Bħala Parti għall-Konvenzjoni, l-Unjoni trid tiegħu pożizzjoni dwar kull waħda mill-proposti għall-elenkar u dwar id-diversi abbozzi ta' deċiżjonijiet oħra fuq l-aġenda tal-CoP. Esperti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri għamlu rieżami tal-proposti għall-elenkar u tad-deċiżjonijiet proposti l-oħra tal-CoP, inkluż l-impatt potenzjali tagħhom fuq ir-regoli u l-politiki rilevanti tal-Unjoni. Il-pożizzjoni proposta mill-Kummissjoni hija msejsa fuq dawn id-diskussjonijiet tal-esperti, li saru fil-kuntest tal-gruppi ta' esperti rilevanti tal-Kummissjoni u tal-gruppi ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill.

Il-proposti għall-elenkar u bosta mill-abbozzi ta' deċiżjonijiet l-oħra tal-CoP jistgħu jaffettwaw ir-regoli tal-UE jew jibdli l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, l-aktar minħabba li jkun jinvolve emendi tal-leġiżlazzjoni u r-regoli ta' implimentazzjoni tal-Unjoni. Bidliet fl-Appendiċi tal-Konvenzjoni jeħtieġ jiġu riflessi fl-*acquis* tal-UE, permezz ta' bidliet korrispondenti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 u, meta rilevanti, fir-regolamenti ta' implimentazzjoni. Ir-riżultat ta' dan se jkun l-istabbiliment jew it-tneħħija ta' restrizzjonijiet fuq il-kummerċ mill-UE, fiha jew madwarha għall-ispeċijiet affettwati minn dawn il-bidliet.

Il-Kummissjoni tinsab f'kuntatt regolari mal-partijiet ikkonċernati li għandhom interess fi kwistjonijiet koperti mill-Konvenzjoni bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi ambjentali, rappreżentanti ta' setturi tan-negozju involuti fil-kummerċ jew fl-użu ta' prodotti tal-organiżmi selvaġġi, u organizzazzjonijiet tal-kaċċa jew tas-sajd. Fit-22 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni kellha laqgħa konsultattiva mal-partijiet ikkonċernati sabiex tikseb il-fehmiet tagħhom dwar il-kwistjonijiet li qed jiġu diskussi għall-CoP20 tas-CITES. Il-Kummissjoni qieset kif xieraq il-kontribut li dawn taw fl-iżvilupp tad-Deċiżjoni proposta tal-Kunsill.

Analizzjiet ulterjuri tal-proposti tal-CoP jitwettqu mis-Segretarjat tas-CITES u mill-esperti tal-organizzazzjonijiet speċjalizzati bħall-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura, minn TRAFFIC – in-network ta' monitoraġġ tal-kummerċ tal-organiżmi selvaġġi, u mill-Panel Konsultattiv ta' Esperti tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura biex jiġu vvalutati l-proposti għall-elenkar tal-ispeċijiet tas-CITES. Ħafna minn dawn l-analizzjiet ma kinux disponibbli fil-ħin għall-proposta tal-Kummissjoni; kollha għandhom jittqiesu bis-sħiħ meta l-proposta tiġi diskussa mal-Istati Membri fil-Kunsill.

Barra minn hekk, bosta dokumenti ta' ħidma għall-CoP20 tas-CITES ma kinux disponibbli fil-ħin biex il-Kummissjoni tipproponi pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi li l-pożizzjonijiet dwar dawk il-kwistjonijiet jittieħdu waqt id-diskussjonijiet fil-grupp ta' ħidma tal-Kunsill skont l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, jew inkella matul it-tnejn għall-laqgħa tal-CoP jew matul il-laqgħa nnifisha tal-CoP għad-dokumenti li jsiru disponibbli dak inhar.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede

stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim”.

Il-kunċett ta’ “atti li jkollhom effetti legali” jinkludi l-atti li għandhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali iżda li “jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni” ⁽³⁾.

4.1.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Il-CoP hija korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri s-CITES.

Bosta mill-atti li l-CoP hija mitluba tadotta jikkostitwixxu atti b’effetti legali. L-Appendiċi emendati, li huma parti integrali għall-Konvenzjoni, se jkunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali. Uħud mid-deċiżjonijiet l-oħra tal-CoP, bħal modifiki għar-riżoluzzjonijiet integrati fil-leġiżlazzjoni tal-UE, se jkunu jistgħu jinfluwenzaw b’mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, jiġifieri r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 ⁽⁴⁾ u r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 792/2012 ⁽⁵⁾. Dan għaliex iż-żewġ atti huma allinjati mill-qrib mar-regoli rilevanti għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni kif deċiż mill-CoP.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. **Bażi legali sostantiva**

4.2.1. *Prinċipji*

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi qabel xejn mill-oġġettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed il-pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ miri jew żewġ komponenti, u jekk waħda minn dawk il-miri jew wieħed minn dawk il-komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi legali sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-mira jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

Fir-rigward ta’ att previst li jsejwi għadd ta’ oġġettivi f’daqqa jew li għandu diversi komponenti li huma marbuta b’mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, il-bażi legali sostantiva ta’ deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE jkollha tinkludi, b’mod eċċezzjonali, id-diversi bażijiet legali korrispondenti.

4.2.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Id-deċiżjonijiet previsti tal-CoP isegwu l-oġġettiv ewlieni u predominanti tal-protezzjoni tal-ambjent.

⁽³⁾ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 tal-4 ta’ Mejju 2006 li jstabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta’ speċi ta’ fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 792/2012 tat-23 ta’ Awwissu 2012 li jistipula regoli għat-tfassil ta’ permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn ipprovduti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta’ speċi ta’ fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006.

L-iskop ambjentali tal-Konvenzjoni huwa ċar mill-preambolu tagħha, li jgħid “li l-fawna u l-flora selvaġġi fil-bosta forom sbieħ u varjati tagħhom huma parti mhux sostitwibbli mis-sistemi naturali tad-dinja li jridu jiġu protetti għal din il-ġenerazzjoni u għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin”. Id-deċiżjoni proposta ssegwi dan l-għan. Ir-restrizzjoni tal-kummerċ permezz tar-regolamentazzjoni tal-importazzjoni, l-esportazzjoni u l-esportazzjoni mill-ġdid hija l-mekkaniżmu proċedurali użat biex jintlaħaq l-oġġettiv imsemmi hawn fuq. Għalhekk, l-oġġettiv u l-komponenti tal-att previst relatati mal-protezzjoni tal-ambjent iridu jitqiesu bħala predominanti, filwaqt li l-komponenti tal-politika kummerċjali jibqgħu inċidentali.

Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-20 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CoP20 tas-CITES)

(Samarkand, l-Uzbekistan, l-24 ta' Novembru – il-5 ta' Diċembru 2025)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(9),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu ("il-Konvenzjoni") li l-Unjoni aderixxiet magħha permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/451 tas-6 ta' Marzu 2015 ⁽⁶⁾ daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1975.
- (2) Skont l-Artikolu XI(3) tal-Konvenzjoni, il-Konferenza tal-Partijiet tista', fost oħrajn, tadotta deċiżjonijiet biex jiġu emendati l-Appendiċi tal-Konvenzjoni.
- (3) Il-Konferenza tal-Partijiet, matul l-20 laqgħa tagħha mill-24 ta' Novembru sal-5 ta' Diċembru 2025 f'Samarkand, l-Uzbekistan, trid tiddeċiedi dwar 51 proposta biex jiġu emendati l-Appendiċi tal-Konvenzjoni, kif ukoll bosta kwistjonijiet oħra relatati mal-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni.
- (4) Huwa meħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Partijiet, peress li l-emendi tal-Appendiċi se jkunu vinkolanti għall-Unjoni. Diversi deċiżjonijiet oħra, bħal modifiki għar-risoluzzjonijiet integrati fil-leġislazzjoni tal-UE, se jkunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 ⁽⁷⁾ u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 792/2012 ⁽⁸⁾.
- (5) Il-pożizzjoni proposta tal-Unjoni li għandha tittieħed dwar il-proposti differenti qabel il-Konferenza tal-Partijiet hija msejsa fuq l-analiżi esperta tal-merti tagħhom, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni, fid-dawl tal-aħjar evidenza xjentifika

⁽⁶⁾ ĠU L 75, 19.3.2015, p. 1.

⁽⁷⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 li jstabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 (ĠU L 166, 19.6.2006, p. 1).

⁽⁸⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 792/2012 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom, li jistipula regoli għat-tfassil ta' permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn ipprovduti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 (ĠU L 242, 7.9.2012, p. 13).

disponibbli, kif ukoll tal-konsistenza tagħhom mar-regoli u l-politiki rilevanti tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-20 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu hija stabbilita fl-Annessi.

Artikolu 2

Jista' jintlaħaq ftehim dwar bidliet tekniċi żgħar fil-pożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill, b'mod partikolari meta tiġi ppreżentata informazzjoni xjentifika jew teknika ġdida wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u qabel jew matul il-laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet. F'każijiet bħal dawn, il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tkun konsistenti mal-prinċipji stabbiliti fl-Annessi ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*